MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
## MAGISTRAT DR.
## CHARMAINE GALEA

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2014

Numru. 313/2014

**Il-Pulizija**
**(Spettur Fabian Fleri)**
**(Spettur Robert Vella)**

**vs**

**Michael Abela**
**Omissis**
**Clayton Farrugia**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputati **Michael Abela** ta' erbghin (40) sena, bin Carmelo u Rita nee` Delmar, imwieled iz-Zejtun fit-23 ta' April 1973, residenti 68, Triq Mikiel Cachia, Zejtun, u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 204173(M) u **Omissis u Clayton Farrugia** ta' tlieta u ghoxrin (23) sena, bin George u Benedetta nee` Grixti, imwieled il-Pieta` fil-15 ta' Frar 1991, residenti 11, Triq Sant'Antnin, Tarxien u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 112691(M) gew mressqa quddiemha akkuzati talli:

Matul il-gurnata tat-18 ta' Marzu, 2014, u kif ukoll fil-gimghat ta' qabel gewwa l-lokalita' tar-Rabat, Malta jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin minnhom fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozzizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:-

1. flimkien ma' persuna/i ohra kkommettew serq ta' materjal/pjanci tal-hadid minn gewwa l-lukanda maghrufa bhala Verdala Hotel, liema serq, li huwa kkwalifikat bil-vjolenza (numerika), bil-mezz, u bil-valur li ma jeccedix l-elfejn tliet mija w disgħa w għoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37), u li liema serq sar għad-dannu ta' Anglu Xuereb u/jew ta' persuni oħra u dan bi ksur tal-Artikli 18, 261(a)(b)(c), 262(1)(b), 263 u 267 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. xjentement laqgħu għandhom jew xtraw ħwejjeġ, u cioe`, il-kaxxa tad-donazzjonijiet u l-flus imsemmija, misruqa, meħuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, indaħħlu biex ibiegħuhom jew imexxuhom u dan bi ksur ta' l-Artikolu 334 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi Michael Abela gie akkuzat ukoll:-

1. talli sar ricediv b'diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Illi Omissis wahdu gie akkuzat ukoll:-

1. talli kiser il-provedimenti ta' l-Artiklu 7 tal-Kapitlu 446 tal-ligijiet ta' Malta b'sentenza moghotija lilu fit-03 ta' April, 2012 mill-Qorti tal-Magistrati Malta (Mag. Dr. Jaqueline Padovani LL.D), liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Illi Clayton Farrugia  wahdu gie akkuzat ukoll:-

1. talli sar ricediv b'diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

2. talli fl-istess perjodu saq vettura bin-numru tar-registrazzjoni EBB727 tal-ghamla Tata u vettura bin-numra tar-registrazzjoni CBL721 tal-ghamla Skoda f'dawn il-gzejjer meta ma kellux licenzja tas-sewqan u meta kellu l-istess licenzja tas-sewqan sospiza u b'hekk ma kienx kopert b'polza tas-sigurta ghall-terzi persuni.

Rat illi fis-seduta tal-lum il-Prosekuzzjoni irtirat it-tieni (2) akkuza tar-ricettazzjoni fil-konfront tal-imputati kollha;

Rat illi waqt l-udjenza tal-lum l-imputati kollha ammettew l-ewwel imputazzjoni, filwaqt li Michael Abela ammetta wkoll l-imputazzjoni tar-recidiva, Omissis ammetta li kiser l-ordni ta' probation moghtija minn din il-Qorti diversament presjeduta moghtija fit-3 ta' April 2012, filwaqt li Clayton Farrugia ammetta illi sar recidiv u talli fl-istess perjodu saq vettura bin-numru tar-registrazzjoni EBB727 tal-ghamla Tata u vettura bin-numra tar-registrazzjoni CBL721 tal-ghamla Skoda f'dawn il-gzejjer meta ma kellux licenzja tas-sewqan u meta kellu l-istess licenzja tas-sewqan sospiza u b'jhekk ma kienx kopert b'polza tas-sigurta ghall-terzi persuni;

Rat illi Dr. Joseph Ellis ghall-imputat Omissis talab li jsir *pre-sentencing report* fir-rigward tal-istess imputat;

Rat li l-Qorti laqghat it-talba u nnominat lill-Probation Officer Saviour Lia ghal dan il-ghan stante li diga qieghed isegwi lill-imputat;

Rat li l-Prosekuzzjoni talbet is-separazzjoni tal-gudizzju sabiex tkun tista' tinghata sentenza illum fil-konfront ta' Michael Abela u Clayton Farrugia;

Rat li din il-Qorti laqghat l-istess talba;

Semghet it-trattazzjoni rigward il-piena fil-konfront ta' Michael Abela u Clayton Farrugia;

Rat illi kien hemm qbil bejn id-difiza u l-Prosekuzzjoni li l-ahjar mod li din il-Qorti tista titratta mal-imputat huwa permezz ta' ordni ta' *probation*.

Rat illi l-imputati Michael Abela u Clayton Farrugtia ikkonfermaw l-ammissjoni taghhom wara li l-Qorti taghthom zmien jirrikkonsidraw l-posizzjoni taghhom.

Rat l-atti processwali l-ohra kollha;

**Ikkunsidrat:**

Illi **l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghhom, hlief ghat-tieni akkuza tar-ricettazzjoni li giet irtirata seduta stante mill-Prosekuzzjoni,** u ghalhekk dawn huma sodisfacentement ppruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstabu hatja l-imputati u l-fedina penali tiaghhom. Hadet in konsiderazzjoni wkoll il-koperazzjoni tal-imputati mal-Pulizija, l-

ammissjoni fl-aktar stadju bikri ta’ dawn il-proceduri u li kien hemm qbil bejn id-difiza u l-Prosekuzzjoni li l-ahjar mod li din il-Qorti tista titratta mal-imputati huwa permezz ta’ ordni ta’ *probation*.

Il-Qorti kkunsidrat illi din mhix l-ewwel darba li l-imputati xellfu difirhom mal-gustizzja. Madankollu, din il-Qorti hija propensa li taghtihom din l-ahhar opportunita` biex jirregolaw hajjithom ahjar. Din il-Qorti spjegat fi kliem mill-iktar car lill-imputati il-portata tal-akkuzi u li dawn igorru maghhom piena ta’ habs effettiv u li jekk se jippersistu f’din il-linja li qabdu, allura se jkun difficli hafna ghal dawn il-Qrati li jzommu lill-imputati ‘il boghod minn piena karcerarja effettiva.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 49, 50, 261 (a) (b) (c), 261 (1) (b), 263, u 267 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, artikolu 7 u 21 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta u 15 (1) (a) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta’ Malta u artikolu 3 tal-Kaptiolu 104 tal-Ligijiet ta’ Malta fil-waqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni akkuza dwar ir-ricettazzjoni stante li din giet irtirata mill-Prosekuzzjoni, fuq ammissjoni ssib lill-imputati hatja tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghhom, hlief kif inghad iktar ‘il fuq tat-tieni akkuza tar-ricettazzjoni, u b’applikazzjoni tal-artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta tpoggi lill-imputati Michael Abela u Clayton Farrugia taht **ordni ta’ probation ghal perjodu ta’ tlett (3) snin kull wiehed** bil-kundizzjonijiet elenkati fl-ordni moghtija kontestwalment, liema ordni tifforma parti integrali minn din is-sentenza.

In oltre, il-Qorti qieghdha **tikkundanna lill-imputat Clayton Farrugia ghall-hlas ta’ multa ta’ elfejn u seba’ mitt ewro (€2700) u tordna li l-imputat jigi skwalifikat mil-licenzji kollha tas-sewqan ghal zmien tnax-il xahar mil-lum.**

Il-Qorti, ai termini tal-artikolu 7(7) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta spjegat lill-imputati fi kliem ordinarju l-import ta’ din is-sentenza u x’jigri jekk

jikkommettu reat iehor fi zmien tlett (3) snin u /jew jekk ma joqghodux ghall-ordnijiet lilhom moghtija.

Il-Qorti tordna li kopja tal-Ordni ta' Probation tigi moghtija minnufih lill-imputati u kopja ohra ghandha tigi notifikata minnufih lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole sabiex ikun jista' jassenja ufficjal tal-probation li jkun responsabbli ghas-sorveljanza tal-imputat.

Finalment il-Qorti tordna li ai termini tal-Artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-atti kollha ta' dan il-procediment u kopja ta' din is-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mill-ligi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------